Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali taċ-ċpar ta' wara fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(77/538/KEE)

(ĠU L 220, 29.8.1977, p. 60)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 87/354/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987	L 192	43	11.7.1987
►**M2**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 89/518/KEE ta' l-1 ta' Awwissu 1989	L 265	24	12.9.1989
►**M3**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/14/KE tas-16 ta' Marzu 1999	L 97	1	12.4.1999
►**M4**	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►**M5**	Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	172	10.6.2013

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►**A2**	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►**A3**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A4**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali taċ-ċpar ta' wara fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(77/538/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrigwardjaw *inter alia* l-fanali taċ-ċpar ta' wara tagħhom

Billi dawn il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għalhekk neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew flimkien ma' jew minflokk ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]), tiġi introdotta fir-rigward kull tip ta' vettura;

Billi fid-Direttiva 76/756/KEE ([4]), il-Kunsill stabbilixxa l-ħtiġiet komuni dwar l-installazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

Billi proċedura armonizzata ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal fanali taċ-ċpar ta' wara tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru li jivverifika l-komformità mal-ħtiġiet komuni dwar il-kostruzzjoni u l-ittestjar u li jinforma l-Istati Membri l-oħra bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent komplut għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' wara; billi t-tpoġġija ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq il-fanali taċ-ċpar ta' wara kollha manifatturati skond it-tip appruvat tneħħi kull bżonn għal verifiċi tekniċi fuq dawn il-fanali taċ-ċpar ta' wara fl-Istati Membri l-oħra;

Billi huwa mixtieq li jiġu abbozzatti il-ħtiġiet tekniċi sabiex jkollhom l-istess għan bħax-xogħol li jkun għaddej dwar dan is-suġġett fill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU;

([1]) ĠU Nru C 118, 16.5.1977.p. 29
([2]) ĠU Nru C 114, 11.5.1977, p. 2
([3]) ĠU Nru L 42, 23.2.1970, p. 1.
([4]) ĠU Nru L 262, 27.9.1976, p. 1

▼B

Billi l-aprossimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali rigward il-vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tat-testijiet mwettqa minn kull wieħed minnhom fuq il-bażi ta' ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

▼M3

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' wara li jissoddisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u ttestjar stabbiliti fl-Annessi rilevanti.

▼B

2. L-Istat Membru li ta approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni huma konformi mat-tip approvat, safejn dan huwa neċessarju u jekk hemm bżonn f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra. Tali verifika għandha tiġi limitata għal kontrolli saltwarji.

Artikolu 2

▼M3

Stati Membri għandhom, għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' wara li huma japprovaw skond l- l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent li tikkonforma mal-mudell muri f'L-Anness I, Appendiċi 3.

▼B

Stati Membri għandhom jieħdu il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu l-użu ta' marki li jistgħu joħolqu konfużjoni bejn il-fanali taċ-ċpar ta' wara li ġew mogħtija l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1, u mezzi oħra.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali taċ-ċpar ta' wara għal raġunijiet li jirrigwardaw il-kostruzzjoni tagħhom jew il-metodu ta' kip jaħdmu jekk ikollhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

2. Madanakollu, Stat Membru jista' jiprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali taċ-ċpar ta' wara li jkollhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li b'mod konsistenti jonqsu li jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni minnufih bil-miżuri meħuda, waqt li jispeċifika r-raġunijiet tad-deċiżjoni tiegħu.

▼M3

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, permezz tal-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, dwar kull approvazzjoni li huma jkunu taw, irrifjutaw jew irtiraw skond din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent isib li numru ta' fanali taċ-ċpar ta' wara li jkollhom l-istess marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent ma humiex konformi mat-tip li kien approva, għandu jieħu il-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-mudelli tal-produzzjoni jsiru konformi mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda li jistgħu, meta jkun hemm nuqqas konsistenti ta' konformità, jestendu għall-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. Dawn l-awtoritajiet għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk jkunu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'tali nuqqas li jikkonformaw.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xahar b'kull irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, u bir-raġunijiet ta' din il-miżura.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li tkun irrifjutata jew irtirata approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal fanal taċ-ċpar ta' wara jew li jkun ipprojbit it-tqegħid fis-suq jew l-użu tiegħu, għandha tniżżel b'mod dettaljat ir-raġunijiet li fuqhom hi bbażata. Tali deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-parti konċernata, li fl-istess waqt għandha tkun infurmata bir-rimedji għad-dispozizzjoni tagħha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bit-termini ta' żmien permessi sabiex jeżer-ċitaw tali rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' kwalunkwe vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali taċ-ċpar ta' wara tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u huma mgħammra skond il-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jiprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' kwalunkwe vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali taċ-ċpar ta' wara jekk dawn ikollhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u huma mgħammra skond il-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

▼M3

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fi-triq, bil-karozzerija jew mingħajra, li għandha ta' l-anqas erba' roti u veloċita' massima ddisinjata ta' aktar minn 25 km/fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji u ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u kull makkinarju mobbli.

▼B

Artikolu 10

Kull emenda meħtieġa biex jiġu aġġustati l-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jieħdu kont tal-progress tekniku għandha tiġi addottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

Artikolu 11

1. Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet meħtieġa sabiex jkunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

2. Stati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jiġi kommunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M3**

LISTA TA' ANNESSI

ANNESS I: Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip

Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni

Appendiċi 2: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip

Appendiċi 3: Mudelli tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent

ANNESS II: Ħtiġiet tekniċi

▼M3

ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦAL APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. APPLIKAZZJONI GĦAL APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

1.1. L-applikazzjoni għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' fanal taċ-ċpar ta' wara għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.

1.2. Appendiċi I jagħti mudell tad-dokument ta' informazzjoni.

1.3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu sottomessi lis-servizz tekniku responsabbli mit-tmexxija tat-testijiet ta' approvazzjoni tat-tip:

1.3.1. Żewġ kampjuni, mgħammra bil-fanal jew fanali rakkmondati; jekk il-mezzi mhumiex identiċi iżda huma simmetriki u adegwati biex jitwaħħlu wieħed fuq ix-xellug u l-ieħor fuq il-lemin tal-vettura, iż-żewġ kampjuni sottomessji jistgħu jkunu identiċi u adegwati għall-immuntar biss fuq il-lemin jew biss fuq ix-xellug tal-vettura.

2. IMMARKAR

2.1. Il-mezzi sottomessi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandhom ikollhom:

2.1.1. l-isem kummerżjali jew *trade mark* tal-manifattur;

2.1.2. fil-każ ta' fanali b'sors ta' dawl sostitwibbli: it-tip(i) ta' bozza bil-filament preskritta;

2.1.3. fil-każ ta' fanali b'sorsi ta'dawl mhux sostitwibbli: il-vultaġġ u l-*wattage* nominali.

2.2. Dawn il-marki għandhom ikuni leġibbli u indelibbli u għandhom jitwaħħlu mal-wiċċ illuminanti, jew wieħed mill-uċuħ illuminanti, tal-mezz. Għandhom ikunu viżibbli minn barra meta l-mezz ikun mgħammar mal-vettura.

2.3. Kull mezz għandu jkollu spazju suffiċjenti għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent tat-tip. Dan l-ispazju għandu jiġi indikat fuq id-disinni msemmija f'Appendiċi I.

3. L-GĦOTI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

3.1. Jekk il-ħtiġiet relevanti huma soddisfati, għandha tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk japplika, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE.

3.2. Mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE hu mogħti f'Appendiċi 2.

3.3. Għandu jingħata numru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għal kull tip ta' fanal taċ-ċpar ta' wara approvat. L-istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess numru għal tip ieħor ta' fanal taċ-ċpar ta' wara.

3.4. komponenti tat-tip KE għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal taċ-ċpar ta' wara u fanali oħra, numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jista' jingħata basta li l-fanal taċ-ċpar ta' wara jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u li kull wieħed mill-fanali l-oħrajn li jiffurmaw parti mill-mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalih intalbet approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jikkonforma mad-Direttiva separata li tgħodd għalih.

▼M3

4. MARKA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

4.1. Minbarra l-marki msemmija fil-punt 2.1, kull fanal taċ-ċpar ta' wara li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f:

4.2.1. rettangolu li jdawwar l-ittra "e" segwit bin-numru jew ittri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja

2 għall-Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

5 għall-Isvezja

6 għall-Belġju

▼A4

7 għall-Ungerija

8 għar-Repubblika Ċeka

▼M3

9 għal Spanja

11 għar-Renju Unit

12 għall-Awstrija

13 għall-Lussemburgu

17 għall-Finlandja

18 għad-Danimarka

▼M4

19 għar-Rumanija

▼A4

20 għall-Polonja

▼M3

21 għall-Portugall

23 għall-Greċja

▼M5

25 għall-Kroazja

▼A4

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja

29 għall-Estonja

32 għal-Latvja

▼M4

34 għall-Bulgarija

▼A4

36 għal-Litwanja

CY għal Ċipru

▼M3

IRL għall-Irlanda

▼A4

MT għal Malta;

▼M3

4.2.2. viċin tar-rettangolu in-“numru ta' approvazzjoni bażi” li jinsab fit-taqsima 4 tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip imsemmi f'L-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut minn żewġ figuri li jindikaw in-numru ta' sekwenza mogħti lill-emenda teknika maġġuri l-aktar reċenti għad-Direttiva 77/538/KEE fid-data meta li l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ġiet mogħtija. F'din id-Direttiva in-numru ta' sekwenza huwa 00;

4.2.3. simbolu addizzjonali li jikkonsisti fl-ittra “F”.

4.3. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandha titwaħħal mal-lenti tal-fanal jew waħda mill-lentijiet b'tali mod li tkunx titħassar u tkun leġibbli b'mod ċar anki meta l-fanali jitwaħħlu mal-vettura.

4.4. Eżempji tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent huma mogħtija f'Appendiċi 3, Figura 1.

4.5. Fejn ikun inħareġ numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent, bħal fil-punt 3.4 fuq, għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal taċ-ċpar ta' wara u fanali oħra, tista' titwaħħal marka ta' approvazzjoni tal- tat-tip tal-KE ta' komponent waħda, li tikkonsisti f':

4.5.1. rettangolu li jdawwar l-ittra “e” segwit bin-numru jew ittri distintitiv ta' l-Istat Membru li jkun ta' l-approvazzjoni tat-tip (ara numru 4.2.1.);

4.5.2. in-numru ta' approvazzjoni bażi (ara l-punt 4.2.2, l-ewwel nofs tas-sentenza);

4.5.3. jekk neċessarju, il-vleġġa meħtieġa, sa fejn din hi relatata mal-assemblaġġ tal-fanal sħiħ.

4.6. Din il-marka tista' tkun fejn tkun fuq il-fanali li huma raggruppati, ikkombinati jew jew reċiprokalment inkorporati, basta li:

4.6.1. hija viżibbli wara l-istallazzjoni tal-fanali;

4.6.2. l-ebda komponenti li jittrażmettu d-dawl, tal-fanali raggruppati, kkombinati jew inkorporati reċiprokalment ma jistgħu jitneħħew bla ma titneħħa fl-istess ħin il-marka ta' approvazzjoni.

4.7. Is-simbolu ta' identifikazzjoni għal kull fanal li jikkorrispondi għal kull Direttiva li taħtha ngħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent, flimkien man-numru ta' sekwenza (ara punt 4.2.2) u, fejn neċessarju, jiġu mmarkati l-ittra “D” u l-vleġġa meħtieġa għandhom ikunu mmarkati:

4.7.1. jew fuq il-wiċċ li jitfa' d-dawl xieraq;

4.7.2. jew fi grupp, b'tali mod li kull wieħed mill-fanali raggruppati, kkombinati jew inkorporati reċiprokalment jkun jista' jiġi identifikat b'mod ċar.

4.8. Id-dimensjonijiet tal-komponenti ta' din il-marka m'għandhomx ikunu inqas mid-dimensjonijiet minimi speċifikati għall-marki individwali fid-Direttivi varji li taħthom ngħatat l-approvazzjoni tal- tat-tip tal-KE ta' komponent.

4.9. Fil-Figura 2 ta' Appendiċi 3 jingħataw eżempji ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta'komponent għal fanal li raggruppat, kombinat jew reċiprokalment inkorporat ma' fanali oħrajn.

5. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦAL APPROVAZZJONIJIET

5.1. F' każ ta' modifiki għat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad- Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

▼**M3**

6. KONFORMITA' TAL-PRODUZZJONI

6.1. Bħala regola ġenerali, miżuri biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

6.2. Kull fanal taċ-ċpar ta' wara għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet fotometriċi speċifikati fil-paragrafi 6 u 9 ([1]). Minkejja dan, f'każ ta' fanal taċ-ċpar ta' wara magħżul saltwarjament minn produzzjoni ta' serje, il-ħtiġiet dwar l-intensita' minima tad-dawl mitfugħ (mkejla b'fanal standard kif imsemmi fil-paragrafu 7 ([1]) għandhom ikunu limitati f'kull direzzjoni rilevanti għal 80 fil-mija tal-valur minimu preskritt fil-paragrafu 6 ([1]).

([1]) Tad-dokumenti msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness II għal din id- Direttiva.

▼M3

Appendiċi 1

Dokument ta' Informazzjoni Nru ...

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponenti t ta' fanali taċ-ċpar ta' wara

(Direttiva 77/538/KEE kif l-aħħar emendata mid-Direttiva../../KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur).....

0.2. Tip: .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

1. DESKRIZZJONI TAL-MEZZ

1.1. Tip tal-mezz: .....

1.1.1. Funzjoni(jiet) tal-mezz:.....

1.1.2. Kategorija jew klassi tal-mezz: .....

1.1.3. Kulur tad-dawl mitfugħ jew rifless: .....

1.2. Disinn(i) f'dettall suffiċjenti li jippermetti identifikazzjoni tal-mezz u li juri:

1.2.1. f'liema pożizzjoni ġeometrika l-mezz għandu jitwaħħal fuq il-vettura (ma japplikax għall-fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara):.....

1.2.2. l-assi ta' osservazzjoni li jitqies bħala l-assi ta' referenza fit-testijiet (angolu orizzontali Ħ = 0°, angolu vertikali V = 0°) u l-punt li jittieħed bħala ċ-ċentru ta' referenza fit-tali testijiet (ma japplikax għal mezzi retro-rifletturi u fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara): .....

1.2.3. il-pożizzjoni maħsuba għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent:.....

1.2.4. għall-fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara, il-pożizzjoni ġeometrika li fiha għandu jitwaħħal il-mezz f'relazzjoni ma' l-ispazju okkupat mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni, u t-truf ta' barra taż-żona għandha tkun illuminata b'mod adegwat:.....

1.2.5. għal headlamps u l-fanali taċ-ċpar ta' quddiem, dehra minn quddiem tal-fanali bid-dettalji tar-ribbing tal-lenti, jekk hemm, u l-cross-section .....

1.3. Deskrizzjoni teknika qasira li tgħid, partikolarment, bl-eċċezzjoni ta' fanali li għandhom sorsi ta' dwal mhux sostitwibbli, il-kategorija jew kategoriji tas-sorsi ta' dwal preskritti li għandha tkun waħda, jew aktar minn dawk li jinsabu fid-Direttiva 76/761/KEE (ma japplikax għall-mezzi retro-rifletturi:

.....

▼**M3**

1.4. Informazzjoni speċifika

1.4.1. Għall-fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara, dikjarazzjoni jekk il-mezz hux maħsub li jillumina pjanċa li hi wiesgħa/twila/kemm wiesgħa u kemm twila: .....

1.4.2. Għall-headlamps,

1.4.2.1. informazzjoni jekk il-headlamp huwiex maħsub li jipprovdi raġġ dipped u raġġ ewlieni, jew wieħed biss minn dawk ir-raġġi: .....

1.4.2.2. informazzjoni fil-każ li l-headlamp huwa maħsub li jipprovdi raġġ dipped, jekk huwa ddisinjat kemm għall-traffiku fuq ix-xellug u kif ukoll għall-traffiku fuq il-lemin jew għall-traffiku fuq il-lemin jew fuq ix-xellug biss:

.....

1.4.2.3. jekk il-headlamp huwa mgħammar b'riflettur li jista jiġi aġġustat, indikazzjoni tal-pożizzjoni(jiet) tat-twaħħil tal-headlamp f'relazzjoni ma' l-art u l-pjan medju lonġitudinali tal-vettura, jekk il-headlamp huwa għall-użu f'dik(dawk) il-pożizzjoni(jiet) biss: .....

1.4.3. Għall-fanali tal-pożizzjoni, fanali tal-waqfien, u indikaturi tad-direzzjoni,

1.4.3.1. jekk il-mezz jista' jintuża wkoll f'assemblaġġ ta' żewġ fanali fl-istess kategorija: .....

1.4.3.2. fil-każ ta' mezzi b'żewġ livelli ta' intensita' (fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni tal-kategorija 2b) diagramma tal-arranġament u speċifikazzjoni tal-karatteristiċi tas-sistema li tiżgura ż-żewġ livelli ta' intensita':
.....

1.4.4. Għall-mezzi retro-rifletturi, deskrizzjoni qasira li tagħti l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjali tal-unità ottika retro-riflettur: .....

1.4.5. Għall-fanali tar-rivers, dikjarazzjoni jekk il-mezz hux maħsub li tiġi stallat fuq vettura esklussivament f' par ta' mezzi: .....

———

▼M3

Appendiċi 2

MUDELL

(daqs massimu: A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Komunikazzjoni li tikkonċerna l-:

— l-approvazzjoni tat-tip (1)

— estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— il-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (1) fir-rigward tad-Direttiva.../.../KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KEE)

Numru ta' approvazzjoni tat-tip: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA 1

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur) .....

0.2. Tip: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni ta' l-għamla, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (1) (2)
.....

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Kategorija tal-vettura (1) (3): .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn japplika): Ara Addendum

2. Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki (jekk hemm): Ara Addendum

6. Post: .....

▼M3

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.
(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).
(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip nru:

li jikkonċerna l-approvazzjoni tal-komponenti tat-tip ta' mezz ta' dawl u/jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl fir-rigward tad-Direttiva(i) 76/757/KEE; 76/758/KEE; 76/759/KEE; 76/760/KEE; 76/761/KEE; 76/762/KEE; 77/538/KEE; 77/539/KEE; u 77/540/KEE (1) kif l-aħħar emendati mid-Direttiva(i)

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. Fejn japplika, indika għal kull fanal

1.1.1. Il-kategorija(i) tal-mezz(i): .....

1.1.2. In-numru u l-kategorija tas-sorsi tad-dawl (ma japplikax għal retro-riflettur (2): .....

1.1.3. Il-kulur tad-dawl mitfugħ jew rifless: .....

1.1.4. Approvazzjoni moħtija biss għall-użu bħala parti ta' bdil fuq vetturi li diġa qed jiġu wżati: Iva/Le (1)

1.2. Informazzjoni speċifika għal ċerti tipi ta' mezzi ta' dawl jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl:

1.2.1. Għal mezzi retro-rifletturi: Waħedhom/parti minn assemblaġġ ta' mezzi (1)

1.2.2. Għall-fanali tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara: Mezz biex tiġi illuminata pjanċa twila/wiesgħa (1)

1.2.3. Għall-headlamps: Jekk mgħammra b'riflettur li jista jiġi aġġustat, il-pożizzjoni(jiet) tat-twaħħil tal-headlamp f'relazzjoni ma'l-art u l-pjan medju lonġitudinali tal-vettura, jekk il-headlamp għandu jiġi użat biss f'dik il-pożizzjoni jew dawk il-pożizzjonijiet: .....

1.2.4. Għall-fanali tar-rivers: Dan il-mezz għandu jitwaħħal biss fuq vettura bħala parti minn par ta' mezzi: Iva/Le (1)

5. **Rimarki**

5.1. Disinni

5.1.1. Għall-fanali tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara: id-disinn anness nru ..... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha għandu jitwaħħal il-mezz f'relazzjoni ma'l-ispazju okkupat mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni, u l-kontorn ta' barra taż-żona għandu jkun illuminat b'mod adegwat;

5.1.2. Għal mezzi retro-rifletturi: id-disinn anness nru ..... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha għandu jitwaħħal il-mezz fuq il-vettura;

5.1.3. Għall-mezzi l-oħrajn kollha ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl: id-disinn anness nru ..... juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha għandu jitwaħħal il-mezz fuq il-vettura, u l-assi ta' referenza u ċ-ċentru ta' referenza ta' dak il-mezz;

5.2. Għall-headlamps: Mod ta' operazzjoni użat matul it-test (punt 5.2.3.9. ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/761/KEE): .....

---

(1) Ħassar fejn ma japplikax
(2) Għall-fanali b'sorsi ta' dawl mhux sostitwibbli, indika n-numru u l-wattage totali ta' sorsi tad-dawl.


▼M3

Appendiċi 3

EŻEMPJI TAL-MARKA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

Figura 1

a ≥ 5 mm




Il-mezz bil-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent muri hawn fuq huwa fanal taċ-ċpar ta' wara, li ngħata l-approvazzjoni tat-tip fil-Ġermanja (e1) skond din id-Direttiva (00) taħt in-numru ta' approvazzjoni bażi 471.

Figura 2

Immarkar simplifikat ta' fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokalment meta żewġ fanali jew aktar huma parti mill-istess kostruzzjoni


(Il-linji vertikali u orizzontali jiskematizzaw il-forma tal-mezz ta' sinjalazzjoni bid-dawl. Dawn mhumiex parti mill-marka ta' approvazzjoni)

MUDELL A




▼**M3**

MUDELL B



MUDELL Ċ



Nota: It-tliet eżempji ta' marki ta' approvazzjoni, il-mudelli A, B u Ċ jirrapreżentaw tliet varjanti possibbli tal-immarkar ta' mezz ta' dawl jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl fejn żewġ fanali jew aktar huma parti mill-istess unita ta' fanali raggruppati, kkombinati jew inkorporati reċiprokalment. Dawn il-marki ta' approvazzjoni juru li l-mezz ġie approvat fil-Ġermanja (e1) taħt in-numru ta' approvazzjoni bażi 1712 u jikkonsisti f':

Retro-riflettur tal-klassi IA approvat skond id-Direttiva 76/757/KEE, sekwenza Nru 02;

Indikatur tad-direzzjoni ta' wara tal-kategorija 2a approvat skond id-Direttiva 76/759/KEE, sekwenza Nru 01;

Fanal aħmar tal-pożizzjoni ta' wara (R) approvat skond l-Anness II għad-Direttiva 76/758/KEE, sekwenza Nru 02;

Fanal taċ-ċpar ta' wara (F) approvat skond id-Direttiva 77/538/KEE, sekwenza Nru 00;

Fanal tar-rivers (AR) approvat skond id-Direttiva 77/539/KEE, sekwenza Nru 00;

Fanal tal-waqfien b' żewġ livelli ta' intensità (S2) approvat skond l-Anness II għad-Direttiva 76/758/KEE, sekwenza Nru 02;

Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara (L) approvat skond id-Direttiva 76/760/KEE, sekwenza Nru 00.

▼**M3**

ANNESS II

HTIĠIET TEKNIĊI

1. Il-ħtiġiet tekniċi huma dawk stabbiliti fil-paragrafi 1, 5 sa 9 u l-Anness 3 tar-Regolament Nru 30 tal-UN-ECE li jikkonsisti fil-konsolidazzjoni ta' dawn id-dokumenti:

   — ir-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu (00) ([1]);

   — suppliment 1 għar-Regolament Nru 38 ([2]);

   — supplimenti 2 u 3 għar-Regolament Nru 38 li jinkludu modifiki ([3]);

   — suppliment 4 għar-Regolament Nru 38 ([4]);

   — suppliment 5 għar-Regolament Nru 38 ([5]);

   ħlief li:

1.1. Fejn issir referenza għal "Regolament Nru 48", dan għandu jinftiehem bħala "Direttiva 76/756/KEE".

1.2. Fejn issir referenza għal "Regolament Nru 37", dan għandu jinftiehem bħala "L-Anness VII għad-Direttiva 76/761/KEE".

([1]) E/EKE/324 / E/EKE/TRAD/. 505 — Rev. 1./Add. 37.

([2]) E/EKE/324 / E/EKE/TRAD/. 505 — Rev. 1./Add. 37./Emend. 1

([3]) E/EKE/324 / E/EKE/TRAD/. 505 — Rev. 1./Add. 37./Emend. 2.

([4]) E/EKE/324 / E/EKE/TRAD/. 505 — Rev. 1./Add. 37./Emend. 3

([5]) TRAD/WP.29/524